MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 224/2004

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Avukat Dottor Simon Galea Testaferrata u l-P.L. Sharon Mizzi nominati Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-eredita' gjacenti ta' Victor Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ippremettiet u talbet:

Illi b'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc moghtija fis-27 ta' Gunju 1994, fl-ismijiet "Rudolph Xuereb ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Victor Bonello" (Citazz. Numru 355/94F) (Dok "A"), is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici ta' l-intimat Victor Bonellofis-somma ta' sitta u tletin elf, mija u sebgha

u hamsin Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm36,157.61) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mis-26 ta' Settembru, 1989 sal-jum tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet giet ezegwita u d-debitu tal-konvenut ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc moghtija fis-27 ta' Gunju, 1994 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' sitta u tletin elf mija u sebgha u hamsin Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm36,157.61) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-26 ta' Settembru, 1989 sad-data ta' l-effettiv pagament kif ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Rat li l-intimati debitament notifikati ma pprezentawx risposta.

Tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta, bl-imghax mitlub u bl-ispejjez kontra l-intimati.

Moqrija

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------